MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 11.3.2011
KUMM(2011) 116 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Il-kwalità tal-fjuwil tal-petrol u tad-diżil użat għat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea: Is-seba' rapport annwali (Sena ta' rappurtar 2008)

MT MT

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Il-kwalità tal-fjuwil tal-petrol u tad-diżil użat għat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea: Ir-seba' rapport annwali (Sena ta' rappurtar 2008)**

## TAQSIRA

Id-Direttiva 98/70/KE[1] tistipula speċifikazzjonijiet minimi, għal raġunijiet ambjentali u ta' saħħa, għall-fjuwils li jintużaw għall-vetturi mgħammra b'magni li jiġu mqabbda bl-ispark plaggs u bil-kompressjoni. Il-kwalità tal-fjuwil hija importanti għall-ambjent għax taffettwa l-emissjonijiet ta' tniġġis li jirriżultaw mill-magni u b'hekk il-kwalità tal-arja. Taffettwa wkoll l-kumdità u l-kost li bihom il-produtturi jistgħu jiksbu l-limiti mixtieqa tal-emissjonijiet ta' sustanzi ta' tniġġis u ta' gassijiet b'effett ta' serra. Id-Direttiva 2003/17/KE[2], li temenda d-Direttiva 98/70/KE, tirrekjedi iktar tnaqqis tal-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-petrol u d-diżil. L-2008 kienet l-aħħar sena fejn il-fjuwils b'kontenut ta' kubrit f'eċċess ta 10ppm se jikkonformaw mad-Direttiva.

In-nuqqas ta' konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-fjuwil jista' jwassal għal żieda fl-emissjonijiet (eż. ossiġenati żejda jistgħu jżidu l-emissjonijiet ta' NOx) u tista' ssir ħsara lill-magna u lis-sistemi tat-trattament ulterjuri tal-egżost (eż. kubrit żejjed li jagħmel ħsara lill-katalizzaturi) u jwasslu għal żieda fl-emissjonijiet li jniġġsu l-arja. Sabiex tkun żgurata l-konformità mal-istandards tal-kwalità tal-fjuwil li huma obbligatorji fl-ambitu ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jintroduċu sistemi ta' sorveljanza tal-kwalità tal-fjuwil.

L-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/70/KE jistipula li l-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar il-kwalità tal-fjuwil fl-Istati Membri. Dan is-seba' Rapport tal-Kummissjoni jiġbor fil-qosor il-preżentazzjoniijiet tal-Istati Membri dwar il-kwalità tal-petrol u d-diżil, kif ukoll dwar il-volumi mibjugħa għas-sena 2008. L-Istati Membri kollha minbarra l-Lussemburgu, li kien diġà naqas milli jipprovdi rapport fl-2007, ippreżentaw rapport nazzjonali għall-2008.

Il-kwalità tad-disinn tas-sistema ta' monitoraġġ tal-Istati Membri kif ukoll tal-livell ta' konformità tagħhom mal-valuri ta' limitu u tal-informazzjoni mogħtija minnhom fil-preżentazzjonijiet għar-rapport għadha qed titjieb. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva u tipproponi azzjoni xierqa u proporzjonata fejn meħtieġ.

Kif ġie nnotat fl-2006 u l-2007, minkejja li l-fjuwils mingħajr kubrit[3] jammontaw għal sehem dejjem akbar tal-gradi u l-bejgħ tal-fjuwil madwar l-Istati Membri, dawn mhux dejjem ikunu

---

[1] Id-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti [fjuwils] tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE, ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.

[2] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/17/KE tat-3 ta' Marzu 2003 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti [fjuwils] tal-petrol u tad-diżil, ĠU L 76, 22.3.2003, p. 10.

[3] It-terminu "mingħajr kubrit", jew "żero kubrit", jikkorrispondi għal kontenut ta' kubrit ta' <10 ppm.

ttikkettati mal-pompi. Għad hemm problema fil-forniment tar-rapporti fil-ħin. 14-il Stat Membru ppreżentaw ir-rapporti tagħhom wara l-iskadenza, minkejja li 10 minn dawn ippreżentaw ir-rapporti tagħhom inqas minn (1) xahar tard. Il-preżentazzjonijiet minn Malta waslu 7 xhur tard; 5 xhur tard mill-Ġermanja; 4 xhur tard mir-Renju Unit; u 3 xhur tard minn Spanja. Kif diġà seħħ fl-2007, il-Lussemburgu ma ppreżenta l-ebda rapport fl-2008.

Is-sorveljanza tal-kwalità tal-fjuwil fl-2008 turi li l-ispeċifikazzjonijiet għall-petrol u d-diżil stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE huma ġeneralment imħarsa u, għal darb'oħra, ftit kienu l-każijiet ta' superar tal-limitu li ġew identifikati. Għall-petrol, il-parametri ewlenin fejn ġie identifikat superar tal-limiti kienu n-numru ottan tar-riċerka/tal-mutur (RON/MON)[4], il-pressjoni tal-fwar fis-sajf[5] u d-distillazzjoni/evaporazzjoni mal-100/150 °C[6]. Kien hemm ukoll żieda fl-għadd ta' kampjuni li jaqbzu l-valuri ta' limitu tal-kontenut ta' kubrit. Għad-diżil, il-parametri ewlenin fejn ġie identifikat superar tal-limiti kienu l-kontenut ta' kubrit, il-punt ta' distillazzjoni ta' 95 % u n-numru ċetan.

Peress li s-superar tal-limitu huwa relattivament rari u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jitneħħa mill-bejgħ dak il-fjuwil li ma jkunx konformi, il-Kummissjoni ma taf bl-ebda riperkussjoni negattiva fuq l-emissjonijiet mill-vetturi jew fuq il-funzjonament tal-magni minħabba dan is-superar. Madankollu, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex ikomplu jieħdu azzjoni li tiżgura l-konformità sħiħa sabiex problemi bħal dawn ma jitfaċċawx fil-futur. Fejn disponibbli, id-dettalji tal-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri qed jiġu mogħtija fil-kapitli individwali tar-rapport dettaljat għall-2008[7]. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-fjuwil stabbiliti fid-Direttiva.

Kontenut baxx ta' kubrit jgħin fit-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u fl-introduzzjoni ta' teknoloġija ġdida tal-magni. Il-kontenut medju ta' kubrit fl-2008 huwa sostanzjalment aktar baxx minn dak irrappurtat fl-2004, kif jidher fit-Tabella 1. Dan kien l-akbar tnaqqis mill-2005, fejn saru mandatorji il-fjuwils b'kontenut baxx ta' kubrit[8] u ġew introdotti fjuwils mingħajr kubrit madwar l-UE. L-2008 kienet l-aħħar sena biex il-fjuwil b'kontenut baxx ta' kubrit jiġi konformi mad-Direttiva. Għaldaqstant, it-tnaqqis fil-kontenut medju ta' kubrit seta' kien ir-riżultat tat-tħejjija tal-Istati Membri għal-limitu tal-2009 ta' <10ppm.

---

4 In-Numru Ottan ta' Riċerka (RON) hija l-miżura kwantitattiva ta' proporzjon tal-kompressjoni massima li fih il-petrol jista' jintuża f'magna mingħar ma jseħħ qbid spontanju tat-taħlita fil-magna. Il-qbid spontanju jwassal għal konsum eċċessiv tal-fjuwil u żieda fl-emissjonijiet tal-Komposti Organiċi Volatili u tal-Monossidu tal-Karbonju.

5 Il-pressjoni tal-fwar hija miżura tat-tendenza tal-fjuwil li jevapora. Fis-sajf tiġi rregolata għax f'dak iż-żmien tas-sena, it-temperaturi jistgħu jwasslu għal emissjonijiet għoljin tal-Komposti Organiċi Volatili, li huma l-prekursur tal-ożonu fil-livell tal-wiċċ l-art. Jekk jinqabżu l-ispeċifikazzjonijiet ikun hemm żieda fl-emissjonijiet tal-Komposti Organiċi Volatili.

6 Il-parametru tad-distillazzjoni jistabbilixxi l-proporzjon ta' fjuwil li jevapora mal-100°C u l-150°C. Dan jillimita l-firxa ta' komponenti eħfef li jistgħu jiġu mħallta fil-petrol. Jekk jinqabżu l-limiti jista' jkun hemm imblukkaġġ ikkawżat minn bżieżaq tal-arja meta l-fjuwil minn likwidu jsir gass kif ukoll problemi fis-sewqan.

7 https://circabc.europa.eu/w/browse/5e89b837-2bec-4284-b9fe-c156271268f7

8 It-terminu "kubrit baxx" jikkorrispondi għal kontenut ta' kubrit ta' <50 ppm.

**Tabella 1: Tendenza annwali fil-kontenut medju ta' kubrit fil-petrol u d-diżil**

| UE | Il-Kontenut Medju ta' Kubrit, ppm | | | | | | | | UE15 | UE12 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Fjuwil/Sena | 2001 | 2002 | 2003* | 2004* | 2005* | 2006** | 2007*** | 2008*** | 2008*** | 2008 |
| *Petrol* | 68 | 51 | 37 | 38 | 19 | 18 | 18 | 14 | 14 | 15 |
| *Diżil* | 223 | 169 | 125 | 113 | 25 | 22 | 23 | 18 | 18 | 23 |

*Teskludi lil Franza, li ma rrapurtatx fl-2003 u fl-2005. Il-pajjiżi ġodda tal-UE10 ssieħbu fl-2004.
** Teskludi lil Malta, li ma rrappurtatx fl-2006.
*** Teskludi lil-Lussemburgu, li ma rrapurtax fl-2007 u fl-2008.

Għad hemm differenzi sostanzjali fost is-sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-fjuwil. Madankollu, ir-rekwiżiti tad-Direttiva mistennija li jippromwovu aktar omoġeneità u jtejbu l-kwalità tar-rappurtar.

## 2. DAĦLA

L-ispeċifikazzjonijiet għall-petrol u d-diżil mibjugħa fl-Unjoni Ewropea huma stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE. Mill-1 ta' Jannar 2005, tapplika biss sensiela waħda ta' speċifikazzjonijiet għall-fjuwils. Id-Direttiva teħtieġ ukoll li l-Istati Membri jirrappurtaw sommarji tal-kwalità tal-fjuwils mibjugħa fit-territorji tagħhom. Mill-2004 'l hawn, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jirrappurtaw dwar il-monitoraġġ tagħhom skont l-Istandard Ewropew EN 14274[9], jew skont sistemi daqstant ieħor affidabbli. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/70/KE, kif emendat bl-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 2003/17/KE, jirrikjedi li l-Kummissjoni tressaq ir-riżultati tar-rappurtar tal-Istati Membri dwar il-kwalità tal-fjuwil. F'konformità ma' din it-talba, dan ir-seba' Rapport tal-Kummissjoni jiġbor fih il-kwalità tal-petrol u tad-diżil, kif ukoll il-volumi mibjugħa, fl-UE għas-sena 2008. Ir-rapporti tas-snin ta' qabel huma disponibbli fuq is-siti elettroniċi tal-Kummissjoni[10].

## 3. IS-SISTEMI NAZZJONALI TA' MONITORAĠĠ

Ir-reviżjonijiet, murija fil-mudell ta' rappurtar Excel, għall-format tar-rappurtar speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/159/KE u l-Istandard Ewropew EN 14274: 2003 żiedu l-utilità tal-informazzjoni u ffaċilitaw l-analiżi tax-xejriet fl-UE. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-kwalità tad-disinn tas-sistemi ta' monitoraġġ, il-konformità mal-valuri ta' limitu u l-informazzjoni mogħtija fil-preżentazzjonijiet għar-rapporti qed ikomplu jitjiebu. Madankollu, għad hemm ftit oqsma li jeħtieġu titjib kif spjegat fil-qosor hawn taħt:

Uħud mill-Istati Membri ppreżentaw ir-rapporti tagħhom tard. Malta, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u Spanja kollha ppreżentaw ir-rapporti tagħhom aktar minn 3 xhur tard. Dawn huma mħeġġa li jirrappurtaw fil-ħin sabiex jevitaw li jimminaw l-isforzi tal-oħrajn.

Bosta Stati Membri ma ssodisfawx, b'mod suffiċjenti, l-għadd ta' kampjuni għall-fjuwils kollha jew mhux qed jiġbru għadd biżżejjed ta' kampjuni fl-istazzjonijiet ta' rifforniment (għall-kuntrarju ta' dawk ta' depożitu/raffinar). Kwalunkwe teħid ta' kampjuni bħal dawn għandu jkun *addizzjonali* għall-għadd minimu ta' kampjuni meħtieġa mill-istazzjonijiet ta' rifforniment.

Meta l-Istati Membri jużaw is-Sistemi Nazzjonali tagħhom stess, dan għandu jkun deskritt b'mod sħiħ sabiex jiġi vverifikat jekk dan huwiex konformi mal-Istandard Ewropew. Din id-deskrizzjoni għandha turi l-ekwivalenza tal-kunfidenza statistika tas-sistema ta' monitoraġġ mal-EN 14274: 2003. Din *għadha* ma ngħatatx għall-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' monitoraġġ għall-2004-2008 u għaldaqstant għandha tingħata fil-futur.

Meta jintuża l-Mudell Statistiku C tal-EN 14274, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw spjegazzjoni ċara għall-użu tiegħu. Għal bosta Stati Membri jidher li hemm każ tajjeb għall-użu tal-Mudelli A jew B minflok.

Fjuwils bla kubrit għandhom ikunu ttikkettati b'mod ċar sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom l-opportunità li jagħżluhom. F'uħud mill-Istati Membri l-kontenut ta' kubrit fil-

[9] EN 14274:2003 – Karburanti [Fjuwils] awtomotivi – Valutazzjoni tal-kwalità tal-petrol u tad-diżil – Sistema ta' Sorveljanza tal-Kwalità tal-Karburant [Fjuwil] (FQMS).

[10] https://circabc.europa.eu/w/browse/5e89b837-2bec-4284-b9fe-c156271268f7

pompi tal-fjuwil mhuwiex ittikkettat b'mod ċar. Dan mhux se jkun iktar meħtieġ mill-2009 hekk kif il-fjuwils kollha jridu jkunu mingħajr kubrit.

Peress li l-2008 hija l-aħħar sena meta fi ħdan l-UE jkunu disponibbli fjuwils b'kontenut ta' kubrit li ma jaqbiżx l-10ppm, seta' kien possibbli għall-Istati Membri li jidderivaw bejgħ u dejta mill-kampjuni separati skont il-kontenut ta' kubrit. Madankollu, xi Stati Membri naqsu milli jagħmlu dan.

Ir-rapporti tal-Istati Membri huma vvalutati skont il-perjodi staġjonali sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà mar-rappurtar madwar l-UE. Meta Stat Membru jkun għażel li juża perjodu staġjonali differenti minn dak speċifikat, l-informazzjoni xierqa għandha tiġi pprovduta fl-Anness nazzjonali fi ħdan ir-rapport dwar il-Monitoraġġ tal-Kwalità tal-fjuwil.

## 4. IR-RAPPURTAR TAL-2008

### 4.1 Il-Kwalitajiet u l-Volumi tal-Fjuwil

Il-bejgħ kollu tal-petrol u tad-diżil fl-UE illum jikkonċerna fjuwils b'kontenut baxx ta' kubrit u dawk mingħajr kubrit. Mill-petrol kollu mibjugħ, 55 % kien b'kontenut baxx ta' kubrit u 45 % mingħajr kubrit (<10 ppm). Mid-diżil kollu mibjugħ, it-tqassim ekwivalenti kien ta' 49 % u 51 %.

Il-varjetà ta' fjuwils bi gradi ta' RON u kubrit disponibbli madwar l-UE naqset fl-2005 bil-limitu mandatorju ġdid ta' <50ppm kubrit. Il-biċċa l-kbira tal-bejgħ tal-petrol fl-2008 jikkonsisti f'RON 95 (84 %, b'46 % ikun kontenut b'livell baxx ta' kubrit u 38% mingħajr kubrit), ara l-Grafika 1 u t-tabella fl-Anness għad-dettalji sħaħ skont l-Istat Membru.

**Grafika 1: Il-proporzjonijiet ta' bejgħ ta' fjuwil fl-UE skont it-tip ta' fjuwil fl-2008 (%)**

| **Il-Bejgħ tal-Petrol** | **2008** | **Il-Bejgħ tad-Diżil** | **2008** |
|---|---|---|---|
|  | |  | |

| | Tip ta' fjuwil | | | Tip ta' fjuwil | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Petrol bla ċomb min. RON=91 | 0.0% | 13 | Diżil | 0.0% |
| 2 | Petrol bla ċomb min. RON=91 (<50 ppm S) | 0.1% | 14 | Diżil (<50 ppm kubrit) | 48.8% |
| 3 | Petrol bla ċomb min. RON=91 (<10 ppm S) | 2.6% | 15 | Diżil (<10 ppm kubrit) | 51.2% |
| 4 | Petrol bla ċomb min. RON=95 | 0.0% | | | |
| 5 | Petrol bla ċomb min. RON=95 (<50 ppm S) | 49.0% | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Petrol bla ċomb min. RON=95 (<10 ppm S) | 35.6% | | | |
| 7 | Petrol bla ċomb 95=<RON<98 | 0.0% | | | |
| 8 | Petrol bla ċomb 95=<RON<98 (<50 ppm S) | 5.1% | | | |
| 9 | Petrol bla ċomb 95=<RON<98 (<10 ppm S) | 2.6% | | | |
| 10 | Petrol bla ċomb RON>=98 | 0.0% | | | |
| 11 | Petrol bla ċomb RON>=98 (<50 ppm S) | 0.4% | | | |
| 12 | Petrol bla ċomb RON>=98 (<10 ppm S) | 4.7% | | | |

Kif kien il-każ bejn l-2001 u l-2007, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja u r-Renju Unit raw l-akbar bejgħ ta' fjuwil fl-2008 (Grafika 3). Il-bejgħ tad-diżil jiddomina fi kważi l-Istati Membri kollha. Madankollu, il-proporzjonijiet relattivi ta' bejgħ ta' petrol u diżil ivarjaw b'mod sinifikanti.

Il-bejgħ fl-Istati Membri tal-UE-12 jikkonsisti f'14,0 % u 15,8 % tat-total tal-bejgħ ta' petrol u diżil, rispettivament, fl-UE (żieda evidenti mit-12,4 % u 12,6 %, rispettivament, fl-2007).

Fl-2008, il-biċċa l-kbira (14) tal-Istati Membri rrappurtaw disponibbiltà ta' żewġ (2) gradi ta' fjuwil tal-petrol fi ħdan it-territorju tagħhom, filwaqt li l-Bulgarija, l-Irlanda u Malta rrappurtaw bejgħ ta' grad wieħed biss ta' fjuwil tal-petrol. Id-distinzjoni bejn l-gradi hija primarjament ir-riżultat ta' livelli differenti ta' ottan (kategorija RON). Madwar 16-il Stat Membru rrapporta bejgħ ta' grad wieħed biss ta' fjuwil tad-diżil fl-2008. Ara l-Grafika 4 għal aktar dettalji.

Sal-2009, l-Istati Membri m'għandhomx għalfejn jaqilbu għalkollox għall-fjuwils mingħajr kubrit. Madankollu, fl-2008, 8 Stati Membri rrappurtaw biss bejgħ ta' fjuwil tal-petrol mingħajr kubrit u 8 Stati Membri rrappurtaw biss bejgħ ta' fjuwil tad-diżil mingħajr kubrit. Fil-Ġermanja d-diżil mingħajr kubrit ilu disponibbli mill-2003 filwaqt li fl-Isvezja, prattikament, kull diżil ilu mingħajr kubrit mill-1999 'l hawn.

Ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja u s-Slovakkja kollha għandhom kontenut medju ta' fljuwil mingħajr kubrit taħt il-limiti tal-2009 (<10ppm), madankollu mhux kollha rrappurtaw 100 % disponibbiltà ta' fjuwil bla kubrit, kif jidher fil-Grafika 7. F'dawn il-pajjiżi jidher li l-bejgħ tal-fjuwil jista' jkun mingħajr kubrit, għalkemm ma jkunux ittikkettati bħala tali. Minbarra dan, uħud mill-Istati Membri ma pprovdewx biżżejjed informazzjoni biex jiġġudikaw jekk il-fjuwils mingħajr kubrit humiex disponibbli "*fuq bażi geografikament bilanċjata b'mod xieraq*" kif mitlub mid-Direttiva.

**Grafika 2: Ir-rata ta' ġbir ta' kampjuni għas-Sorveljanza tal-Kwalità tal-Fjuwil fl-UE fl-2008 (għadd medju ta' kampjuni għal kull grad ta' fjuwil)**




**Grafika 3: Bejgħ nazzjonali ta' fjuwil skont it-tip ta' fjuwil fl-UE fl-2008(f'miljuni ta' litri)***



Grafika 4: Għadd ta' gradi ta' fjuwil disponibbli fuq livell nazzjonali skont it-tip ta' fjuwil fl-UE fl-2008




Grafika 5: Bejgħ Nazzjonali ta' gradi ta' petrol b'livell baxx ta' kubrit fl-UE (%) fl-2008



**Grafika 6: Bejgħ Nazzjonali ta’ gradi ta’ diżil b’livell baxx ta' kubrit fl-UE (%) fl-2008**




**Grafika 7: Kontenut medju ta’ kubrit tal-gradi ta' petrol u tad-diżil fl-UE (%) fl-2008**



## 4.2 Il-konformità mad-Direttiva 98/70/KE fl-2008

It-Tabella 2 turi, fil-qosor, il-livell ta' konformità mad-Direttiva 98/70/KE milħuq mill-Istati Membri fl-2008. Din tirrapporta kemm ir-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni mqabbla mal-valuri ta' limitu kif ukoll il-konformità tal-format u l-kontenut tar-rappurtar. Kif kien il-każ fl-2001-2007, uħud mill-Istati Membri pprovdew informazzjoni mhux kompluta u / jew tard u din affettwat il-kwalità tal-valutazzjoni tal-konformità. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-Istati Membri sabiex ittejjeb ir-rappurtar tagħhom fejn meħtieġ.

Skont l-Artikolu 9a, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiġu ddeterminati s-sanzjonijiet applikabbli f'każ ta' ksur tad-Direttiva. Dettalji tal-azzjoni meħuda fir-rigward ta' Stati Membri li ma jikkonformawx mal-valur tal-limitu huma inklużi, fejn previst, fil-kapitli tal-pajjiżi individwali tar-rapport iddettaljat għas-sena 2008[11].

4 Stati Membri huma f'konformità sħiħa mal-valuri ta' limitu kemm għall-petrol kif ukoll għad-diżil għall-kampjuni kollha (imqabbel ma' 7 fl-2007). 18 –il Stat Membru pprovdew ukoll rappurtar komplet fir-rigward tal-firxa ta' parametri speċifikati fid-Direttiva għall-monitoraġġ. Il-Belġju jwettaq ġbir ta' kampjuni aktar estensiv minn Stati Membri oħra. Peress li dan jgħawweġ ir-riżultati u jaħbi x-xejriet fl-UE globalment, is-superar fil-livelli u l-kampjuni tal-Belġju huma esklużi mill-analiżi tas-superar irrappurtat hawn taħt.

Fir-rigward tal-petrol, 5 Stati Membri rrappurtaw li l-kampjuni kollha kienu kompletament konformi mad-Direttiva 98/70/KE (imqabbel ma' 9 fl-2007). Il-parametri ewlenin ta' tħassib kienu, mill-ġdid, in-numru ottan tar-riċerka/tal-mutur (RON/MON, 33 – tnaqqis minn 68 fl-2007), il-pressjoni tal-fwar fis-sajf (DVPE, 101 – żieda minn 43 fl-2007) u d-distillazzjoni – evaporazzjoni mal-100/150°C (13 –il kampjun – simili għall-2007). Kien hemm ukoll 34 kampjun b'kontenut ta' kubrit li ma kienux qed jaqblu mal-ispeċifikazzjoni tal-limiti tad-Direttiva, meta mqabbel ma' 5 biss fl-2007.

Fl-2008 żdied l-għadd u l-proporzjon ta' kampjuni ta' petrol li ma kienux konformi għall-UE-15 iżda baqa' pjuttost kostanti għall-UE-12. Fl-Istati Membri tal-UE-15, il-proporzjon tal-kampjuni li jaqbzu l-valuri ta' limitu żdied minn 1,0 % fl-2007 għal 1,6 % fl-2008. Din iż-żieda tirriżulta primarjament minn aktar kampjuni li jaqbżu l-valuri ta' limitu għall-pressjoni tal-fwar fis-sajf u l-kontenut ta' kubrit. Fl-Istati Membri tal-UE-12, l-għadd assolut ta' kampjuni li jaqbżu l-valuri ta' limitu żdied bi ftit fl-2008 iżda ttieħdu aktar kampjuni. Bħala riżultat ta' dan, il-proporzjon ta' kampjuni li jaqbżu l-valuri ta' limitu naqas minn madwar 3,5 % fl-2007 għal 3 % fl-2008. Kien hemm tnaqqis kbir fil-kampjuni li jaqbżu l-valuri ta' limitu MON/RON, iżda kien hemm tkabbir korrispondenti f'dawk li jaqbżu l-limiti tal-pressjoni tal-fwar fis-sajf.

Fir-rigward tad-diżil, 11–il Stat Membru rrappurtaw li l-kampjuni kollha tad-diżil kienu konformi mad-Direttiva 98/70/KE (imqabbel ma' 14 fl-2007). Il-parametri ta' tħassib kienu l-kontenut ta' kubrit (31 kampjun), il-punt ta' distillazzjoni ta' 95 % (23 kampjun) u n-numru ċetan (4 kampjuni).

Fl-Istati Membri tal-UE-15, is-superar fil-valuri ta' limitu żdied mill-ġdid fl-2008. Madwar 0,3 % tal-kampjuni ssuperaw il-valuri ta' limitu, l-ogħla proporzjon minn meta beda l-

[11] https://circabc.europa.eu/w/browse/5e89b837-2bec-4284-b9fe-c156271268f7

monitoraġġ iżda inqas minn dak tal-Istati Membri tal-UE-12 jew dak li jikkonċerna l-petrol. L-Istati Membri tal-UE-12 żammew livell simili ta' kontenut ta' kubrit li mhuwiex konformi għal dak fl-2006 u fl-2007. Madankollu, għadd akbar ta' kampjuni qabżu l-valuri ta' limitu għad-distillazzjoni. Il-proporzjon ta' kampjuni li jaqbżu l-valuri ta' limitu baqa' kostanti għal ftit iktar minn 1 %, hekk kif żdied l-għadd ta' kampjuni li ttieħdu.

**Tabella 2: Sommarju tal-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva 98/70/KE għar-rappurtar tal-2008.**

| **Stat Membru** | **Nuqqas ta' konformità mal-valuri ta' limitu (1) (limiti ta' kunfidenza ta' 95 %) (Kampjuni mhux konformi / Total ta' kampjuni)** | | **Rappurtar mhux komplut (Numru ta' parametri mhux imkejla / Total)** | | **Rapport mogħti tard (Preżentazzjoni sat-30/6/2009) (2)** | **Rimarki** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Petrol** | **Diżil** | **Petrol** | **Diżil** | | |
| L-Awstrija | 3 / 203 | | | | <(1) xahar | |
| Il-Belġju | 7 / 5168 | 4 / 4040 | 4 / 18 | | | (3) |
| Il-Bulgarija | >39 / 271 | >15 / 232 | 5 / 18 | | | (21) (22) |
| Ċipru | 17 / 316 | 1 / 129 | | | <(1) xahar | |
| Ir-Repubblika Ċeka | 23 / 1011 | 8 / 1216 | | | <(1) xahar | (18) |
| Id-Danimarka | | | | | | |
| L-Estonja | 13 / 340 | | | | <(1) xahar | |
| Il-Finlandja | 2 / 274 | 3 / 160 | | | | (4) (5) |
| Franza | 52 / 759 | 1 / 417 | | | | (6) |
| Il-Ġermanja | 12 / 377 | 1 / 230 | | | <5 xhur | (7) |
| Il-Greċja | 3 / 260 | | 6 / 18 | | <(1) xahar | (8) |
| L-Ungerija | 9 / 120 | | | | | |
| L-Irlanda | 9 / 98 | 1 / 86 | | | | |
| L-Italja | 4 / 299 | 2 / 346 | 6 / 13 | | | (9) (10) |
| Il-Latvja | 2 / 1212 | 1 / 1157 | | | <(1) xahar | |
| Il-Litwanja | 3 / 114 | | | | <(1) xahar | |
| Il-Lussemburgu | - | - | - | - | Mhux irċevut | (11) |
| Malta | | 1 / 16 | | | <7 xhur | (19) (20) |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 13 / 100 | 3 / 100 | 1 / 17 | | <(1) xahar | (12) (13) |
| Il-Polonja | 21 / 407 | | | | | |
| Il-Portugall | 1 / 86 | | 3 / 15 | | <(1) xahar | (14) |
| Ir-Rumanija | >2 / 177 | >22 / 177 | | | | (23) (24) |
| Is-Slovakkja | 7 / 165 | 1 / 136 | | | | |
| Is-Slovenja | | | | | <(1) xahar | |
| Spanja | | | | | <3 xhur | |
| L-Isvezja | | | 7 / 11 | | | (15) (16) |
| Ir-Renju Unit | >3 / 2350 | >2 / 2612 | 6 / 12 | | <4 xhur | (17) |
| **L-Għadd ta' Pajjiżi** | **21** | **15** | **8** | **0** | **15** | |

*Noti dettaljati dwar din it-tabella jistgħu jinstabu fuq paġna 197 tar-rapport dettaljat għall-2008*

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Il-kwalità tal-fjuwil hija importanti, mil-lat ambjentali, għax taffettwa l-emissjonijiet ta' tniġġis li jirriżultaw mill-magni u għalhekk il-kwalità tal-arja, kif ukoll il-kumdità u l-kost li bihom il-manifatturi jistgħu jiksbu l-limiti mixtieqa tal-emissjonijiet minn sustanzi ta tniġġis u gassijiet b'effett ta' serra. Il-monitoraġġ tal-kwalità tal-fjuwil fl-2008 juri li l-ispeċifikazzjonijiet għall-petrol u d-diżil stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE ġeneralment huma rispettati, u ftit kienu l-każijiet ta' superar tal-limiti li ġew identifikati . Peress li s-superar huwa relattivament rari u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jitneħħa mill-bejgħ dak il-fjuwil li ma jkunx konformi, il-Kummissjoni ma taf bl-ebda riperkussjoni negattiva fuq l-emissjonijiet mill-vetturi jew fuq il-funzjonament tal-magni minħabba dan il-qbiż. Madankollu, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex ikomplu jieħdu azzjoni li tiżgura l-konformità sħiħa sabiex problemi bħal dawn ma jitfaċċawx fil-futur. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva u tipproponi azzjoni xierqa u proporzjonata fejn meħtieġ.

Il-kontenut medju tal-kubrit fl-2008 huwa sostanzjalment aktar baxx minn dak irrappurtat fl-2004. Dan kien l-akbar tnaqqis mill-2005, fejn il-fjuwils b'kontenut baxx ta' kubrit kienu mandatorji u ġew introdotti fjuwils bla kubrit madwar l-UE. L-2008 kienet l-aħħar sena biex il-fjuwil b'kontenut baxx ta' kubrit jiġi konformi mad-Direttiva. Għaldaqstant, it-tnaqqis fil-kontenut medju ta' kubrit seta' kien ir-riżultat tat-tħejjija tal-Istati Membri għal-limitu tal-2009 ta' <10ppm.

Madankollu, f'għadd ta' pajjiżi l-fjuwils mingħajr kubrit mhumiex dejjem ittikkettati kif suppost fil-pompi tal-petrol. Din setgħet wasslet għal dewmien fl-introduzzjoni ta' vetturi li għandhom bżonn fjuwils mingħajr kubrit qabel l-introduzzjoni mandatorja sħiħa fl-2009. Mingħajr tikkettar, il-konsumaturi ma jistgħux jagħżlu dawn il-fjuwils u hemm inqas possibbiltà li dawn jużaw teknoloġija li għandha bżonn fjuwil mingħajr kubrit. Dan jimmina l-valur f'li jkollok dejjem disponibbli fjuwils li jissodisfaw dan il-kriterju. Bħala riżultat jista' jagħti l-każ li ma ġiex sfruttat il-potenzjal sħiħ offrut mit-tnaqqis fis-$CO_2$ mis-settur tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, ġiet ipprovduta informazzjoni limitata mill-Istati Membri dwar id-disponibbiltà ġeografika tal-fjuwils mingħajr kubrit; il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ddikjaraw sempliċement li kien hemm disponibbiltà wiesgħa, iżda ma pprovdew l-ebda informazzjoni supplementari biex jipprovdu miżura tad-disponibbiltà ġeografika tagħhom. Madankollu, din m'għandhiex tibqa' tkun kwistjoni fl-2009 ladarba l-fjuwils mingħajr kubrit isiru mandatorji.

Is-sistemi ta' sorveljanza ta' kwalità stabbiliti fuq livell nazzjonali jvarjaw b'mod konsiderevoli u jeħtieġu iktar uniformità sabiex jipprovdu riżultati trasparenti u komparabbli. L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/17/KE wasslet għal titjib fil-kwalità tar-rappurtar billi tirrikjedi li l-Istati Membri jirrappurtaw dwar il-monitoraġġ skont l-istandard Ewropew il-ġdid, EN 14274, jew skont sistemi daqstant ieħor affidabbli. Fejn l-Istati Membri ma jirrappurtawx skont il-format ta' EN 14274, għandha tingħata ġustifikazzjoni għal dan.

# ANNESS: Il-bejgħ tal-fjuwil skont it-tip ta’ fjuwil fl-UE fl-2008 (f'miljuni ta' litri)

| ID | Miljun litru | L-Awstrija | Il-Belġju | Id-Danimarka | Il-Finlandja | Franza | Il-Ġermanja | Il-Greċja | L-Irlanda | L-Italja | Il-Lussemburgu | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Il-Portugall | Spanja | L-Isvezja | Ir-Renju Unit | UE15 | UE15 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Il-grad tal-fjuwil** | **AT** | **BE** | **DK** | **FI** | **FR** | **DE** | **EL** | **IE** | **IT** | **LU** | **NL** | **PT** | **ES** | **SE** | **UK** | **EU15** | **%** |
| 1 | Petrol bla ċomb min. RON=91 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% |
| 2 | Petrol bla ċomb min. RON=91 (<50 ppm S) | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% |
| 3 | Petrol bla ċomb min. RON=91 (<10 ppm S) | 420 | - | 488 | - | - | 2,495 | - | - | - | 0 | - | - | - | - | - | 3,404 | 3.0% |
| 4 | Petrol bla ċomb min. RON=95 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% |
| 5 | Petrol bla ċomb min. RON=95 (<50 ppm S) | 20 | 44 | - | - | 9,841 | - | 4,767 | 1,533 | 12,168 | - | - | - | 7,553 | - | 21,255 | 57,181 | 49.6% |
| 6 | Petrol bla ċomb min. RON=95 (<10 ppm S) | 1,980 | 1,461 | - | 2,176 | - | 24,560 | - | 817 | 1,850 | 385 | 5,426 | - | - | 4,713 | - | 43,367 | 37.6% |
| 7 | Petrol bla ċomb 95=<RON<98 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% |
| 8 | Petrol bla ċomb 95=<RON<98 (<50 ppm S) | - | - | - | - | - | - | 345 | - | - | - | - | 1,786 | - | - | - | 2,131 | 1.8% |
| 9 | Petrol bla ċomb 95=<RON<98 (<10 ppm S) | - | - | 1,846 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 1,460 | 3,306 | 2.9% |
| 10 | Petrol bla ċomb RON>=98 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% |
| 11 | Petrol bla ċomb RON>=98 (<50 ppm S) | - | 2 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 2 | 0.0% |
| 12 | Petrol bla ċomb RON>=98 (<10 ppm S) | 65 | 463 | 7 | 171 | 2,484 | 785 | 379 | - | - | 100 | 142 | 228 | 960 | 198 | - | 5,982 | 5.2% |
| | **Petrol (regolari)** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0.0%** |
| | **Petrol (<50 ppm kubrit)** | **20** | **46** | **0** | **0** | **9,841** | **0** | **5,111** | **1,533** | **12,168** | **0** | **0** | **1,786** | **7,553** | **0** | **21,255** | **59,314** | **51.4%** |
| | **Petrol (<10 ppm kubrit)** | **2,465** | **1,923** | **2,341** | **2,347** | **2,484** | **27,840** | **379** | **817** | **1,850** | **485** | **5,568** | **228** | **960** | **4,911** | **1,460** | **56,059** | **48.6%** |
| | **Total ta’ Petrol** | **2,485** | **1,970** | **2,341** | **2,347** | **12,325** | **27,840** | **5,490** | **2,350** | **14,018** | **485** | **5,568** | **2,015** | **8,513** | **4,911** | **22,715** | **115,373** | **100.0%** |
| 13 | **Diżil** | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% |
| 14 | **Diżil (<50 ppm kubrit)** | 729 | 63 | - | - | 38,134 | - | 4,323 | 2,141 | 26,776 | - | - | 5,675 | 29,713 | - | - | 107,552 | 51.0% |
| 15 | **Diżil (<10 ppm kubrit)** | 6,564 | 8,518 | 3,148 | 2,660 | 1,218 | 35,789 | 863 | 972 | 4,026 | 1,922 | 8,056 | 48 | 0 | 4,837 | 24,634 | 103,254 | 49.0% |
| | **Total ta’ Diżil** | **7,293** | **8,581** | **3,148** | **2,660** | **39,351** | **35,789** | **5,186** | **3,113** | **30,802** | **1,922** | **8,056** | **5,723** | **29,713** | **4,837** | **24,634** | **210,806** | **100.0%** |

| ID | Miljun litru | Ċipru | Ir-Repubblika Ċeka | L-Estonja | L-Ungerija | Il-Latvja | Il-Litwanja | Malta | Il-Polonja | Is-Slovakkja | Is-Slovenja | Il-Bulgarija | Ir-Rumanija | UE12 | UE12 | UE | UE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Il-grad tal-fjuwil** | **CY** | **CZ** | **EE** | **HU** | **LV** | **LT** | **MT** | **PL** | **SK** | **SI** | **BG** | **RO** | **EU12** | **%** | **EU** | **%** |
| 1 | Petrol bla ċomb min. RON=91 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% |
| 2 | Petrol bla ċomb min. RON=91 (<50 ppm S) | - | 69 | - | - | 2 | 0 | - | - | - | - | - | - | 71 | 0.4% | 71 | 0.1% |
| 3 | Petrol bla ċomb min. RON=91 (<10 ppm S) | - | 0 | 16 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 16 | 0.1% | 3,420 | 2.6% |
| 4 | Petrol bla ċomb min. RON=95 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% |
| 5 | Petrol bla ċomb min. RON=95 (<50 ppm S) | 454 | - | - | - | 316 | 18 | 82 | 5,231 | 137 | 784 | 825 | - | 7,847 | 45.1% | 65,028 | 49.0% |
| 6 | Petrol bla ċomb min. RON=95 (<10 ppm S) | - | - | 328 | 2,022 | 128 | 687 | - | - | 669 | - | - | - | 3,834 | 22.0% | 47,201 | 35.6% |
| 7 | Petrol bla ċomb 95=<RON<98 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% |
| 8 | Petrol bla ċomb 95=<RON<98 (<50 ppm S) | - | 2,551 | - | - | - | - | 15 | - | - | 52 | - | 2,035 | 4,653 | 26.8% | 6,784 | 5.1% |
| 9 | Petrol bla ċomb 95=<RON<98 (<10 ppm S) | - | 0 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 153 | 153 | 0.9% | 3,459 | 2.6% |
| 10 | Petrol bla ċomb RON>=98 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% |
| 11 | Petrol bla ċomb RON>=98 (<50 ppm S) | 49 | - | - | - | 2 | - | - | 517 | 3 | - | - | - | 571 | 3.3% | 573 | 0.4% |
| 12 | Petrol bla ċomb RON>=98 (<10 ppm S) | - | 47 | 46 | 63 | 43 | 26 | - | - | 19 | - | 0 | - | 244 | 1.4% | 6,226 | 4.7% |
| | **Petrol (regolari)** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0.0%** | **0** | **0.0%** |
| | **Petrol (<50 ppm kubrit)** | **503** | **2,619** | **0** | **0** | **320** | **18** | **97** | **5,748** | **140** | **836** | **825** | **2,035** | **13,143** | **75.6%** | **72,457** | **54.6%** |
| | **Petrol (<10 ppm kubrit)** | **0** | **47** | **391** | **2,085** | **171** | **713** | **0** | **0** | **687** | **0** | **0** | **153** | **4,247** | **24.4%** | **60,306** | **45.4%** |
| | **Total ta’ Petrol** | **503** | **2,667** | **391** | **2,085** | **491** | **731** | **97** | **5,748** | **827** | **836** | **825** | **2,189** | **17,390** | **100.0%** | **132,763** | **100.0%** |
| 13 | **Diżil** | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% |
| 14 | **Id-diżil (<50 ppm kubrit)** | 440 | 1,121 | 188 | - | 894 | 825 | 108 | 181 | 267 | 1,526 | 2,086 | 4,314 | 11,951 | 35.1% | 119,503 | 48.8% |
| 15 | **Diżil (<10 ppm kubrit)** | - | 3,710 | 383 | 3,472 | 68 | 495 | - | 12,326 | 797 | - | - | 834 | 22,085 | 64.9% | 125,338 | 51.2% |
| | **Total ta’ Diżil** | **440** | **4,831** | **571** | **3,472** | **962** | **1,320** | **110** | **12,507** | **1,064** | **1,526** | **2,085** | **5,148** | **34,035** | **100.0%** | **244,840** | **100.0%** |